


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabilità Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > [Bulgaria](#)

Ir-responsabilità tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

 Bulgarija

1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

It-termini ġuridiċi użati fil-liġi Bulgara għar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-kustodja huma "drittijiet u dmirijiet tal-ġenituri" u "eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri". Il-kunċett jinkludi d-drittijiet u d-dmirijiet li jkollu ġenitur fir-rigward ta' tfal taħt l-età.

Il-liġi Bulgara tagħmel distinzjoni bejn minuri taħt l-età ta' 14-il sena u minuri ta' bejn l-14 u t-18-il sena. Id-drittijiet tal-ġenituri jiġu eżerċitati fir-rigward taż-żewġ gruppi ta' età tat-tfal.

Fil-każ ta' adożzjoni, id-drittijiet u d-dmirijiet li japplikaw għall-persuna adottata u d-dixxendenti tagħha, minn naħa, u l-persuna adottiva u l-qraba tagħha min-naħa l-oħra, huma l-istess bħal dawk bejn qraba naturali, filwaqt li d-drittijiet u d-dmirijiet bejn il-persuna adottata u d-dixxendenti tagħha u l-qraba naturali tagħha jintemmu.

Fis-sentenza tad-divorzju, il-qorti hija obbligata wkoll tiddeċiedi dwar l-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri, ir-relazzjonijiet personali u l-manteniment tat-tfal imwielda miż-żwieġ, u dwar l-użu tad-dar matrimonjali, filwaqt li tqis l-aħjar interessi tat-tfal.

Il-qorti tiddeċiedi liema konjuġi jingħata d-drittijiet tal-ġenitur u tordna miżuri dwar l-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet, ir-relazzjonijiet personali bejn it-tfal u l-ġenituri tagħhom u l-manteniment tat-tfal. Meta tagħżel liem ġenitur irid jeżerċita d-drittijiet tal-ġenitur, il-qorti tivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha, filwaqt li żżomm f'moħħha l-aħjar interessi tat-tfal, u tisma' lill-ġenituri u lit-tfal, sakemm ikollhom 10 snin jew iktar.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Ir-regola ġenerali hija li ż-żewġ ġenituri jeżerċitaw id-drittijiet tal-ġenituri *in solidum*.

Il-liġa fiha dispożizzjonijiet espliċiti dwar id-drittijiet tan-nanniet li jżommu kuntatt mat-tfal.

Tfal taħt l-età huma obbligati jgħixu mal-ġenituri tagħhom, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet importanti li jitolbu xorta oħra. F'każ ta' devjazzjoni minn dan l-obbligu, il-qorti tordna r-ritorn tat-tfal lill-ġenituri tagħhom, fuq talba tal-ġenituri u wara li tisma' lit-tfal jekk ikollhom għaxar snin jew iktar.

Kull ġenitur jista' jirrappreżenta waħdu lit-tfal taħt l-età ta' 14-il sena u jagħti l-kunsens għal azzjoni ġudizzjarja għat-tfal ta' età bejn l-14 u t-18-il sena biss jekk ikun fl-aħjar interess tagħhom.

Proprjetà immobbli u mobbli ta' tfal taħt l-età, ħlief oġġetti li jeħżienu, jistgħu jiġu ttrasferiti, gravati jew b'mod

ġenerali, imneħħija bil-permess tal-qorti distrettwali fir-residenza abitwali tagħhom biss jekk ikun hemm bżonn jew ovvjament għall-benefiċċju tat-tfal. Għotjiet, rinunzji, self u l-għoti ta' garanzija għad-dejn ta' ħaddieħor b'rahan, ipoteka jew garanzija oħra mogħtija minn tfal taħt l-età huma nulli u bla effett.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Jekk l-imġiba tal-ġenituri tkun ta' theddida għall-integrità, it-trobbija, is-saħħa u l-proprjetà tat-tfal, il-qorti distrettwali tiegħu l-miżuri rilevanti fl-aħjar interessi tat-tfal *ex officio* jew fuq talba tal-ġenitur l-ieħor jew tal-avukat ġenerali, u jqiegħed lit-tfal f'akkomodazzjoni xierqa, jekk ikun hemm bżonn.

Dawn il-miżuri jittieħdu wkoll jekk il-ġenitur ma jkunx jista' jeżerċita d-drittijiet tal-ġenituri minħabba mard fiżiku jew mentali permanenti jew raġuni oġġettiva oħra. Il-ġenitur jista' jitlef id-drittijiet tiegħu ta' ġenitur fil-każijiet partikolarment serji li ġejjin: il-ġenitur ma jiħux ħsieb it-tfal u jonqos milli jħallas il-manteniment fuq bażi fit-tul u mingħajr raġuni valida, jew il-ġenitur iqiegħed lit-tfal f'istitut speċjalizzat u jonqos milli jmur biex joħodhom lura fi żmien sitt xhur minn dakinhar meta kellu jmur.

Il-proċedimenti ġudizzjarji dwar it-terminazzjoni tad-drittijiet tal-ġenitur jinfetħu fil-qorti distrettwali *ex officio* jew fuq talba tal-ġenitur l-ieħor jew tal-avukat ġenerali. F'kull każ ta' restrizzjoni jew terminazzjoni ta' drittijiet tal-ġenitur, il-qorti tiddeċiedi wkoll dwar il-miżuri li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet personali bejn il-ġenituri u t-tfal.

Il-qorti tista' tirrestitwixxi d-drittijiet tal-ġenitur f'każ ta' ċirkostanzi ġodda jew fuq talba tal-ġenitur.

Il-qorti tgħarraf lill-muniċipalità fil-post tar-residenza tal-ġenitur *ex officio* bit-terminazzjoni tad-drittijiet tal-ġenitur jew bir-restituzzjoni sussegwenti għall-finijiet tan-nomina ta' kustodju għat-tfal minuri b'età ta' bejn l-14 u t-18-il sena jew tutur għall-minuri ta' taħt l-14-il sena.

Fuq talba tad-Direttorat tas-Servizzi Soċjali, il-qorti tista' tagħti l-ordni li tifel ma jibqax jgħix mal-familja tiegħu jekk il-ġenituri jkunu mietu, ma jkunux magħrufa, ikunu tneħħewlhom id-drittijiet tal-ġenituri, ikunu qed jeżerċitaw drittijiet tal-ġenituri ristretti jew ikunu naqsu milli jieħdu ħsieb it-tifel fuq bażi fit-tul għal raġunijiet oġġettivi jew mingħajr raġuni valida, meta t-tifel ikun vittma ta' vjolenza domestika u jkun hemm theddida għall-iżvilupp fiżiku, mentali, morali, intellettuali u soċjali tiegħu. It-tifel jitqiegħed f'istitut soċjali jew ma' foster family, inkluż fil-każijiet fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-protezzjoni tat-tfal.

Il-qorti tista' tordna li tifel jitqiegħed f'foster family jew f'istitut speċjalizzat. Sakemm ikun hemm l-ordni mill-qorti, id-Direttorat tas-Servizzi Soċjali li jkopri l-indirizz attwali tat-tifel iqiegħed lit-tifel fi proċedura amministrattiva ta' akkomodazzjoni temporanja.

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Jekk il-ġenituri li jkunu qed jgħixu flimkien ma jaqblux dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-ġenituri, it-tilwima tiġi rinvijata lill-qorti distrettwali, fejn jinstemgħu l-ġenituri u, jekk ikun hemm bżonn, it-tfal. Is-sentenza tal-qorti tista' tiġi appellata skont ir-regoli ġenerali.

Jekk il-ġenituri ma jkunux jgħixu flimkien u ma jistgħux jaslu għal ftehim dwar min se jkollu l-kustodja tat-tfal, it-tilwima tiġi deċiża mill-qorti distrettwali taż-żona fejn tkun ir-residenza abitwali tat-tfal, wara li jinstemgħu, sakemm ikollhom tal-anqas 10 snin. Is-sentenza tal-qorti tista' tiġi appellata skont ir-regoli ġenerali.

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Il-ġenituri jistgħu jikkonkludu ftehimiet ekstraġudizzjarji dwar l-għoti u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri u l-arranġamenti għall-kuntatti mal-ġenitur li ma jkollux id-drittijiet tal-ġenituri, imma dawn il-ftehimiet mhumiex

legalment vinkolanti. Minkejja l-eżistenza ta' ftehim ekstraġudizzjarju, kull wieħed mill-ġenituri jista' jiftaħ kawża għad-drittijiet tal-ġenitur jew għall-kuntatti mat-tfal u l-qorti tiddeċiedi kif id-drittijiet tal-ġenituri jkunu eżerċitati minn dak il-mument 'il quddiem, irrispettivament mill-ftehim ekstraġudizzjarju. Il-qafas ġuridiku huwa wkoll l-istess għall-kuntatti tat-tfal mal-ġenitur li ma jkollux il-kustodja u li ma jgħixx magħhom.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

B'konformità mal-Att dwar il-Medjazzjoni, tilwim familjari jista' jkun is-suġġett ta' medjazzjoni imma l-ftehim milħuq dwar id-drittijiet tal-ġenituri jsir legalment vinkolanti biss wara l-approvazzjoni espliċita mill-qorti skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

L-imħallef jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe kwistjoni li titressaq il-qorti, inkluż il-post fejn it-tfal ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom, liem ġenitur ikun se jeżerċita d-drittijiet tal-ġenituri, x'arranġamenti se jkun hemm għall-kuntatti bejn it-tfal u l-ġenitur l-ieħor, id-drittijiet ta' żjarat jew ta' aċċess tal-ġenitur, l-obbligu għall-ħlas tal-manteniment għat-tfal, l-għażla tal-iskola, isem it-tfal, eċċ. Ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 3 u 4.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Ġeneralment, il-ġenitur li jkun qed jeżerċita d-drittijiet tal-ġenituri jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħajja ta' kuljum tat-tfal, inkluż xi skola jattendi. Hemm xi każijiet fejn ikun meħtieġ il-kunsens taż-żewġ ġenituri, pereżempju, meta jinħarġu dokumenti tal-identità għat-tfal, jew meta jkunu se jtilqu minn dik il-ġurisdizzjoni, irrispettivament mid-dewmien jew il-fini tal-vjaġġ, inklużi l-vaganzi.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Meta l-ġenituri ma jkunux joqogħdu fl-istess residenza, il-qorti hija obligata li tiddeċiedi liem ġenitur ikun ħa jkollu d-drittijiet tal-ġenituri u kif ikunu se jinżammu l-kuntatti mal-ġenitur l-ieħor. Mingħajr preġudizzju għal li ntqal fuq, ma hemm l-ebda restrizzjonijiet dwar ftehim ġudizzjarju bejn il-ġenituri dwar arranġamenti iktar estensivi għall-kuntatt bejn it-tfal u l-ġenitur l-ieħor u dwar il-prattiki normali. Kif turi l-ġurisprudenza u kif ikun ġeneralment aċċettat mill-partijiet f'kawżi matrimonjali, l-arranġamenti tas-soltu biex it-tfal iqattgħu l-ħin mal-ġenitur l-ieħor ikunu jumejn mhux tax-xogħol jew iktar fix-xahar u għadd fiss ta' ġimgħat waqt il-btajjel skolastiċi.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Il-qorti kompetenti hija l-qorti distrettwali taż-żona ta' fejn ikollu r-residenza abitwali l-intimat. Jekk ir-rikors ikun marbut ma' talba għal manteniment tat-tfal, ir-rikorrent jista' jressaq ir-rikors ukoll fil-qorti taż-żona fejn għandu r-residenza abitwali hu stess.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Kawżi li jikkonċernaw id-drittijiet tal-ġenituri jsegwu r-regoli proċedurali ġenerali.

Jekk il-kwistjoni tkun eżaminata fil-qafas ta' kawża ta' divorzju pendenti, il-ġenituri jistgħu jitolbu lill-qorti tordna miżuri temporanji għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri fuq it-tfal u għall-arranġamenti għall-kuntatti mal-ġenitur l-ieħor.

12 Nista' nikseb għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Il-partijiet fil-kawża jistgħu jiksbu għajjnuna legali skont il-patti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-għoti tal-għajjnuna legali skont l-Att dwar l-Għajjnuna Legali.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-qorti distrettwali huma suġġetti għall-appell quddiem il-qorti reġjonali skont ir-regoli ġenerali fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal il-kopja tad-deċiżjoni.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Is-sentenzi tal-qorti jiġu eżegwiti skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Huwa fih dispożizzjonijiet espliċiti dwar id-dmir ta' prestazzjoni ta' ċerti azzjonijiet u ta' trażżin minn ċerti azzjonijiet oħrajn u dwar id-dmir tal-konsenja tat-tfal. Is-sentenza tiġi eżegwita minn bailiff pubbliku jew privat magħżul mir-rikorrent.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Il-liġi applikabbli hija r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u l-Artikolu 621 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (fis-seħħ mill-24 ta' Lulju 2007).

16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Il-liġi applikabbli hija r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u l-Artikolu 622 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (fis-seħħ mill-24 ta' Lulju 2007).

Il-ġurisdizzjoni ġenerali hija f'idejn il-qorti distrettwali fiż-żona fejn il-parti l-oħra jkollha r-residenza abitwali tagħha jew, jekk din ma jkollha l-ebda indirizz permanenti fil-Bulgarija, fiż-żona fejn il-parti kkonċernata tkun residenti abitwali jew, jekk il-parti kkonċernata ma tkunx residenti abitwali fil-Bulgarija, il-Qorti tal-Belt ta' Sofija.

Ir-rikors għar-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenza maqtugħa minn qorti barranija jew deċiżjoni ta' awtorità barranija oħra dwar l-eżerċitar ta' drittijiet tal-ġenituri jew restituzzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri fil-każ ta' tneħħija żbaljata ta' tifel skont il-Konvenzjoni Ewropea tal-1980 dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta'

Deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-Kustodja tat-Tfal u r-Restituzzjoni tal-Kustodja tat-Tfal, li kienet konkluża fil-Lussemburgu fl-20 ta' Mejju 1980 (rattifikata bil-liġi, Gazzetta tal-Istat (SG) Nru 21 tal-2003 (SG Nru 104 tal-2003) ("il-Konvenzjoni tal-Lussemburgu"), jitressaq fil-Qorti tal-Belt ta' Sofija. Il-Qorti tagħmel sessjoni pubblika bil-parteciġazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja jew tar-rikorrent, il-partijiet fis-sentenza jew deċiżjoni barranija u avukat ġenerali. Il-Qorti tisma' lit-tfal, jekk tintalab mid-Direttorat tas-Servizzi Soċjali tal-muniċipalità tal-indirizz attwali tat-tfal. Il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew deċiżjoni barranija tiġi sospiża fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: ikun hemm kawża ġudizzjarja pendenti dwar il-mertu tat-tilwima u l-kawża tkun tressqet wara l-proċedura fl-Istat fejn inqatgħet is-sentenza jew deċiżjoni rilevanti. L-istess proċedura tapplika meta sentenza jew deċiżjoni oħra dwar l-eżerċitar tad-drittijiet tal-ġenituri tkun fil-proċess li tkun rikonoxxuta u/jew eżegwita mill-qrati Bulgari. Il-qorti rilevanti tkun innotifikata minnufih u l-imħallef irid jiddeċiedi fi żmien xahar min-notifika.

Is-sentenza tal-qorti trid tinqata' fi żmien xahar mid-data tar-rikors. Hija tkun suġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Sofija li s-sentenza tagħha tkun finali.

Il-proċedura tapplika wkoll għal rikorsi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet maqtugħa wara t-tneħħija ta' tifel jekk id-deċiżjoni ssib li t-tneħħija kienet illegali. Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni maqtugħa minn Stat ieħor li jkun parti mill-Konvenzjoni tal-Lussemburgu tiġi miċħuda skont l-Artikoli 8 u 9 jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni jkunu ssodisfati u aċċettati biss sa fejn tkun eżegwibbli fl-Istat fejn ġiet approvata. L-istess proċedura tapplika għall-kawżi skont il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-eżekuzzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal huma rregolati mil-liġijiet tal-Istat tar-residenza abitwali tagħhom. Jekk il-ġenituri u t-tfal ma jgħixux fl-istess residenza abitwali, ir-relazzjonijiet ta' bejniethom ikunu rregolati mil-liġijiet tal-Istat tar-residenza abitwali jew tan-nazzjonalità tat-tfal, skont liem minnhom ikun jaqblilhom l-iktar it-tfal. Kwistjonijiet ta' tutela u kurazija huma rregolati mil-liġijiet tal-Istat fejn il-persuna taħt tutela jew kurazija jkollha r-residenza abitwali tagħha. Ir-relazzjonijiet bejn il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutor jew il-kuratur huma rregolati mil-liġijiet li jkunu applikaw meta l-persuna tkun tqiegħdet taħt tutela jew kurazija.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 15/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.